

Il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010

5. Jinsisti li l-Gvern taż-Żimbabwe jirrevedi u jimmodifika l-Operazzjoni Garikai, b'konsultazzjoni ġenwina mas-superstitioni, sabiex jindirizza l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni tas-superstitioni kollha tal-Operazzjoni Murambatsvina;

6. Jiddispjaċih ħafna li l-prova miż-Żimbabwe biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, li digħà hija fit-triq kompletament żbaljata, ser tibqa' tkun ipperikolata minn tkeċċijiet bil-massa bħal dawn;

7. Jiftakar li l-ġlieda kontra l-HIV/AIDS u l-mortalità tal-ommijiet qed tiġi pperikolata mill-prattiki ta' abbuż tal-gvern, bħall-programm ta' tkeċċija tiegħu, li tellef l-aċċess għall-kura tas-sahħha u l-edukazzjoni bażika;

8. Jitlob lill-Afrika t'Isfel u lill-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC), biex fl-interessi tagħhom kif ukoll taż-Żimbabwe u r-reġjun usa' tan-Nofsinhar tal-Afrika, jieħdu iktar miżuri biex ihiegħu r-ritorn għad-demokrazija sħiħa fiż-Żimbabwe u jirrispettaw l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u l-poplu taż-Żimbabwe; jagħraf li Robert Mugabe u l-eqreb partitarji tiegħu jkompelu jfixxlu l-proċess tar-rikostruzzjoni u r-rikonċiljazzjoni politika u ekonomika fiż-Żimbabwe, billi jisirqu kif jafu huma r-riżorsi ekonomiċi għall-benefiċċi tagħhom stess;

9. Jenfasizza l-importanza tad-djalogu bejn l-Unjoni Ewropea u ż-Żimbabwe, u jilqa' l-progress li sar f'din id-direzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, il-Kummissjoni, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati, il-Viċi Presiden tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Gvernijiet u l-Parlamenti taż-Żimbabwe u l-Afrika t'Isfel, il-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-KE, l-iċċituzzjoni tal-Unjoni Afrikana, inkluż il-Parlament Pan-Afrikan, is-Segretarju Ġenerali tan-NU, is-Segretarju Ġenerali tas-SADC u s-Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth.

Il-Kambodja, b'mod partikolari l-każ ta' Sam Rainsy

P7_TA(2010)0389

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-Kambodja, b'mod partikolari l-każ ta' Sam Rainsy

(2012/C 70 E/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2005 dwar it-traffikar tan-nisa u t-tfal fil-Kambodja ⁽¹⁾, tal-10 ta' Marzu 2005 dwar il-Kambodja ⁽²⁾, tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja, fil-Laos u fil-Vjetnam ⁽³⁾, tad-19 ta' Jannar 2006 dwar ir-repressjoni politika fil-Kambodja ⁽⁴⁾ u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-Kambodja ⁽⁵⁾,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Koperazzjoni konkluż fl-1997 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Kambodja ⁽⁶⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 1 (ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem) u l-Artikolu 19 (is-sospensjoni tal-ftehim jekk parti minnhom tikser l-Artikolu 1) tiegħu u l-Anness I (rigward l-Artikolu 19) tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU tal-1998 dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

⁽¹⁾ Testi adottati, P6_TA(2005)0012.

⁽²⁾ Testi adottati, P6_TA(2005)0081.

⁽³⁾ Testi adottati, P6_TA(2005)0462.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P6_TA(2006)0032.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P6_TA(2007)0085.

⁽⁶⁾ ĠU L 269, 19.10.1999, p. 18.

Il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010

- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem approvati mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004 u aġġornati fl-2008,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tas-17 ta' Ġunju 2010 tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja, li jiddeplora l-indħil estern fil-ħidma tal-ġudikatura ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tal-Unjoni Interparlamentari dwar id-Drittijiet tad-Deputati fil-laqgħa tiegħu li saret mit-12 sal-15 ta' Lulju 2010,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 tal-Kunsill Governattiv tal-Unjoni Interparlamentari,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi wieħed seta' jinnota tendenza awtoritarja preokkupanti fil-Kambodja fis-snин li għaddew; billi dan huwa rifless fid-deteriorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ir-repressjoni tal-libertajiet fundamentali, f-politika brutal ta' ħtif ta' art li taffettwa l-aktar lill-foqra, fis-sopprezzjoni ta' kull forma ta' kritika u protesta, fil-persekuzzjoni tal-oppożizzjoni parlamentari u tal-aktivisti tas-soċjetà ċivili, fl-użu tal-qratī għal finjiet politiċi u bidla lejn sistema b'partit wieħed,
 - B. billi Sam Rainsy, membru tal-Parlament tal-Kambodja u l-kap tat-tieni l-akbar partit politiku ta' pajjiżu, ġie persegitat mill-partit awtoritarju fil-gvern u mill-Gvern tal-Kambodja,
 - C. billi fit-23 ta' Settembru 2010 l-kap tal-oppożizzjoni Sam Rainsy ġie kkundannat *in absentia* għal 10 snin ħabs fuq akkużi ta' informazzjoni falza u falsifikazzjoni ta' dokumenti pubbliċi mill-Qorti Muniċipali ta' Phnom Penh; billi l-kundanna tiegħu kienet ibbażata fuq att ta' diżubbidjenza ċivili li tinvolvi t-tqaċċit ta' sitt markaturi temporanji tal-injam fil-fruntiera bejn il-Vjetnam u l-Kambodja, li għad hemm tilwim dwarha bejn iż-żewġ pajjiżi; billi l-azzjoni saret b'appoġġ għal raħħala li stqarru li kienu vittmi ta' ħtif ta' art, filwaqt li qal lu l-Vjetnamiti ressqu l-markaturi illegalment fuq art Kambodjana, fl-għelieqi tar-ross tagħhom, u li l-ilmenti tagħhom lill-awtoritajiet lokali baqgħu bla tweġiba,
 - D. billi fit-13 ta' Ottubru 2010 l-Qorti tal-Appell fi Phnom Penh iddeċidiet tikkonferma sentenza ta' sentejn ħabs mogħtija fis-27 ta' Jannar 2010 mill-qorti provinċjali ta' Svay Rieng, *in absentia*, kontra Sam Rainsy b'raba ma' protesta kontra allegata okkupazzjoni tal-Vjetnamiti fit-territorju Kambodjan, iżda ddeċidiet li teħles żewġ raħħala kkundannati ma' Sam Rainsy, wara disa' xhur u għoxrin jum il-ħabs,
 - E. billi l-istratgeġja tal-partit Kambodjan fil-gvern hija li juża ġudikatura politikament servili biex trażżan lil-kull min jikkritika lill-Gvern,
 - F. billi għadd għoli b'mod allarmanti ta' nies qed jinżammu f-detenzjoni fil-Kambodja minħabba diversi nuqqasijiet fis-sistema tal-ġustizzja kriminali, u billi għad m'hemm garanzija tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura,
 - G. billi, skont l-NGOs għad-drittijiet tal-bniedem, il-Gvern uża l-qratī biex isikket il-kritika tar-reazzjonijiet tiegħi għall-ħtif ta' art, korruzzjoni u tilwim fil-fruntieri,

⁽¹⁾ http://www.un.org.kh/index.php?option=com_content&view=article&id=330:united-nations-special-rapporteur-on-the-situation-of-human-rights-in-cambodia-statement&catid=44:un-speeches-and-statements&Itemid=77

Il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010

- H. billi fit-30 ta' Awwissu 2010 membru tal-NGO Licadho, Leang Sokchoeun, kien ikkundannat sentejn ħabs mill-qorti provinċjali ta' Takeo talli allegatament qassam fuljetti kontra l-Gvern f'Jannar 2010; billi, madankollu, il-proċess kien imċappas b'irregolaritajiet proċedurali gravi,
- I. billi Mu Sochua, deputat parlamentari tal-oppożizzjoni, instab ħati ta' akkuża li mmalafama lill-Prim Ministru,
- J. billi l-ġurnalist Hang Chakra nżamm il-ħabs għal disa' xhur wara li ddenunza l-korruzzjoni fl-entourage tal-Viċi President Sok An,
- K. billi fl-1995 Sam Rainsy tkeċċa b'mod mhux kostituzzjonali mill-Assemblea Nazzjonali, iżda rnexxielu jieħu lura s-siġġu parlamentari tiegħu felezzjonijiet sussegamenti; billi ppruvaw joqtluh kemm-il darba, u ħelisha wkoll fattakk bil-granati fl-1997, iżda billi madwar 80 partitarju tiegħu nqatlu,
- L. billi l-partit fil-gvern neħħielu l-immunità parlamentari tliet darbiet għal raġunijiet dubjużi sabiex jingħata sentenzi ta' ħabs,
- M. billi l-UE hija l-akbar donatur ta' ghajjnuna lill-Kambodja,
1. Jikkundanna s-sentenzi kollha għal raġunijiet politiċi kontra rappreżentanti tal-oppożizzjoni u tal-NGOs, b'mod partikolari s-sentenzi tat-23 ta' Settembru 2010, tat-13 ta' Ottubru 2010 u tas-27 ta' Jannar 2010 kontra Sam Rainsy, kif ukoll dik tat-30 ta' Awwissu 2010 kontra Leang Sokchoeun u dawk kontra Mu Sochua u l-ġurnalist Hang Chakra;
2. Ifakk lill-Gvern tal-Kambodja li għandu jissodisa l-obbligi u l-impenji tiegħu fir-rigward tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li huma element essenzjali tal-Ftehim ta' Koperazzjoni msemmi hawn fuq, kif stipulat fl-Artikolu 1 ta' dak il-Ftehim;
3. Jistieden lill-awtoritajiet Kambodjani jiżguraw li l-liġi dwar l-NGOs li qed titheja bħalissa ma tillimitax l-attivitàajiet tas-soċjetà ċivili Kambodjana għal raġunijiet ta' interpretazzjoni diskrezzjonali kif ukoll li ma tiġix applikata b'tali mod li tkun ta' żvantaġġ kemm għas-soċjetà ċivili kif ukoll għall-oppożizzjoni;
4. Jistieden lill-atturi politiċi kollha jħeġġu politiki tajbin dwar il-viċinat fi ħdan ir-reġjun u politika ta' rikonċilazzjoni bejn il-gruppi etniċi u kulturali fil-Kambodja;
5. Jinnota li r-Rapporteur Speċjali tan-NU ġibed l-attenzjoni għall-progress u l-isforzi li qed isiru mill-Gvern Kambodjan, u jixtieq li jittieħdu passi prattiċi lejn titjib dewwiem u li jidher fis-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-indipendenza tal-qrati;
6. Jistieden lill-awtoritajiet Kambodjani:
- iwettqu riformi istituzzjonali u politiċi biex jinbena stat demokratiku ggvernati mill-istat tad-dritt u msejjes fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali;
 - juru r-rieda tagħhom li jikkumbattu b'mod effikaċi l-pjagi endemiċi tal-korruzzjoni, id-deforestazzjoni enormi li tirriżulta fl-ispustament tan-nies, u l-industrija tat-turiżmu tas-sess, kif ukoll li jirrifutaw il-kultura attwali ta' impunita u li jtellgħu l-qorti lil kull min ikun involut f'attivitàajiet bħal dawn;
 - jiggarrantixu l-espressjoni politika libera u ġusta bla intimidazzjoni u fastidju;

Il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010

— ifasslu programm ta' azzjoni u skeda ta' żmien għall-implementazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet li saru fir-rapport tar-Rapporteur Speċjali;

7. Huwa allarmat rigward il-prosekuzzjoni u l-kundanna għal 12-il sena ġabs tal-kap tal-oppożizzjoni Sam Rainsy, minħabba ġest li jaqs li huwa ta' natura simbolika u indubbjament politika;

8. Huwa partikolarmen allarmat li, jekk ikun ikkonfermat, il-verdett jeskludi lil Sam Rainsy milli joħroġ ġħall-elezzjonijiet parlamentari tal-2013 u dan ikollu konsegwenzi ferm akbar mill-każ ta' Sam Rainsy, billi żgur li jaffettwa lill-oppożizzjoni kollha kemm hi, aktar u aktar għaliex il-persekuzzjoni reċenti ta' għadd ta' membri tal-oppożizzjoni li ma jibżgħux jitkellmu diġà naqqsu l-ispazju politiku, u għalhekk ikun detrimentali għall-proċess demokratiku fil-Kambodja;

9. Jistieden għalhekk lill-awtoritajiet isibu modi u mezzi biex isolvu l-kwistjonijiet pendentī permezz ta' djalogu politiku u biex Sam Rainsy jkun jista' jerġa' jibda l-attivitajiet parlamentari tiegħu mill-aktar fis-possibbli;

10. Jistieden lill-awtoritajiet Kambodjani jagħtu widen għar-rakkmandazzjonijiet li saru mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja; jistieden lill-Parlament tal-Kambodja jiddibatti r-rapport tiegħu fil-parlament u jieħu l-miżuri neċċesarji biex jiżgura l-implimentazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet tiegħu;

11. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tieku passi biex tiżgura li d-drittijiet fundamentali, kif ingastati fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Koperazzjoni msemmi hawn fuq, jitħarsu u li l-attakki fuq il-libertajiet ċivili jkollhom il-konsegwenzi; jistieden ukoll lill-Unjoni Ewropea ma tibqax tagħti għajnejha finanzjarja sakemm il-Kambodja ma ttejjax l-imġiba tagħha fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Jitlob li jiddaħħal fis-seħħ pjan ta' emerġenza umanitarja, bl-involviment tal-UE u l-koordinament tan-NU, biex jassisti lill-Kambodjani li ntaqtu l-aktar mill-kriżi, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fl-industriji tal-kostruzzjoni u tat-tessuti li tilfu xogħolhom;

13. Jagħti istruzzjonijiet lid-Delegazzjoni tiegħu għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja u mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) kif ukoll lill-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Barranin biex jimmonitorjaw l-iżviluppi;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-ASEAN u tal-ASEM, lis-Segretarjat tal-ASEM, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tar-Renju tal-Kambodja.

Il-Kawkasu tat-Tramuntana, b'mod partikolari l-każ ta' Oleg Orlov

P7_TA(2010)0390

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kawkasu tat-Tramuntana (Federazzjoni Russa) u l-prosekuzzjoni kriminali kontra Oleg Orlov

(2012/C 70 E/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-qtıl ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russia⁽¹⁾,

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2009)0022.